MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 504/2003

**Carmelo sive Charles Borg**

***kontra***

**Anton, Giuseppa mart Francis Ciappara, Gracie mart Anthony Deguara, Emelda mart Alfred Vella, Rita mart Emanuel Fava u Silvana mart Frank Farrugia lkoll ahwa Borg, u b`digriet datat 3 ta` Ottubru 2008 minhabba l-mewt ta` Anton Borg l-atti gew trasfuzi fil-persuni ta` Concetta armla ta` Anton Borg, Annette mart Raymond Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-26 ta` Mejju 2003 li taqra hekk –

*PREMESS illi l-awturi tal-kontendenti u cioe` Salvatore u Giuseppa konjugi Borg mietu fit-30 ta` Dicembru 1988 u fit-23 ta` April 1983 rispettivament ;*

*U PREMESS illi l-awturi tal-kontendenti kienu ghamlu testment unica charta fl-1 ta` Lulju 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt, ma` liema testment zdiedu xi disposizzjonijiet ohra permezz ta` testment iehor unica charta datat 7 ta` Dicembru 1982 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt (Dok. CB1 u Dok. CB2 rispettivament) ;*

*U PREMESS illi l-awturi tal-kontendenti hallew b`titolu tal-prelegat konsegwibbli wara mewthom lil binthom Marianna sive Mary Anne Borg diversi proprjetajiet immobiljari u kif ukoll b`titolu ta` prelegat l-uzufrutt generali tal-kumplament tal-assi taghhom kollu u dan kif ghandu jirrizulta ahjar mid-dokumenti hawn fuq indikati bhala Dok. CB1 u Dok. CB2 ;*

*U PREMESS illi l-awturi tal-kontendenti nnominaw u istitwew bhala eredi universali taghhom it-tnejn u fir-rimanenti gid taghhom kollu lit-tmien uliedhom subien u bniet u cioe` Marianna sive Mary Anne, Carmelo sive Charles, Giuseppa mart Francis Ciappara, Gracie mart Anthony Deguara, Emelda mart Alfred Vella, Rita mart Emanuel Fava, Anton u Silvana mart Frank Farrugia lkoll fi kwoti ugwali bejniethom – ilkoll kontendenti f`din il-kawza hlief Marianna sive Mary Anne Borg li mietet ;*

*U PREMESS illi fit-18 ta` Awwissu 1997 mietet Marianna sive Mary Anne Borg ;*

*U PREMESS illi fl-10 ta` April 1997 Marianna sive Mary Anne Borg kienet ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Dr. John Debono (Dok. CB3) ;*

*U PREMESS illi Marianna sive Mary Anne Borg oht il-kontendenti nnominat u istitwiet b`eredi universali fi piena u assoluta proprjeta` lis-seba` (7) hutha u cioe` Carmelo, Grace mart Anthony Deguara, Emelda mart Alfred Vella, Rita mart Emanuel Fava, Anton, Sylvana mart Francis Farrugia u Josephine mart Francis Ciappara lkoll ahwa Borg, indaqs u ndivizament bejniethom u dan kif ghandu jirrizulta ahjar mid-dokument hawn fuq indikat bhala Dok. CB3 ;*

*U PREMESS illi l-attur ma jridx jibqa` jipposjedi in komun mal-eredi l-ohra l-proprjeta` gejja mill-ereditajiet tal-genituri tieghu u ta` ohtu Mary Anne Borg ;*

*U PREMESS illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghad-divizjoni u likwidazzjoni tal-proprjeta` mmobiljari, izda dawn baqghu inadempjenti ;*

*JGHIDU ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m`ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u/jew provvediment li jidhrilha necessarji u opportuni :*

*1. TIDDIKJARA illi l-assi ereditarji kemm parafernali u kemm dawk tal-komunjoni tal-akkwisti jikkonsistu f`dawk il-beni u sostanzi illi jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;*

*2. TILLIKWIDA l-assi ereditarji kemm parafernali u kemm dawk tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi Salvatore u Giuseppa konjugi Borg ;*

*3. TIDDIVIDI l-assi ereditarji kemm parafernali u kemm dawk tal-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidati f`zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-assi ereditarji tal-imsemmija Salvatore Borg u l-ohra lill-assi ereditarji tal-imsemmija Giuseppa Borg ;*

*4. TIDDIVIDI U TASSENJA l-assi ereditarji tal-konjugi Borg, hekk likwidati, f`porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti ;*

*5. TIDDIKJARA illi l-assi ereditarji ta` Marianna sive Mary Anne Borg jikkonsistu f`dawk il-beni u sostanzi illi jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;*

*6. TILLIKWIDA l-assi ereditarji ta` Marianna sive Mary Anne Borg ;*

*7. TIDDIVIDI U TASSENJA l-assi ereditarji ta` Marianna sive Mary Anne Borg, hekk likwidati, f`porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti ;*

*8. IN SUBSIDIUM u f`kaz illi l-assi ereditarji mmobbiljari ma humiex komodament divizibbli, TORDNA l-bejgh b`licitazzjoni tal-proprjeta` mmobbiljari ereditarja u dan prevja l-istimi taghhom bil-fakolta` li jippartecipaw obblaturi estraneji ;*

*9. TINNOMINA ghall-finijiet tat-tmien (8) talba, perit arkitett biex jaghmel pjan ta` qasma u/jew licitazzjoni kif ikun il-kaz ;*

*10. TINNOMINA Nutar sabiex jippubblika l-atti relattivi fil-gurnata, hin u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti u Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali assenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenuti Anton Borg u Silvana Farrugia prezentata fil-21 ta` Awwissu 2003 li taqra hekk –

*1) Illi l-eccipjenti qatt ma opponew kif lanqas jopponu ghad-divizjoni u likwidazzjoni tal-ereditajiet imsemmija fic-citazzjoni sakemm dan isehh kif provdut fit-testmenti tal-mejtin Salvatore Borg, Giuseppa Borg u Marianna Borg u skond il-ligi ;*

*2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju fid-divizjoni u likwidazzjoni ghandhom jigu rispettati l-kirjiet li l-eccipjenti ghandhom ta` xi proprjetajiet formanti parti mill-attiv tal-imsemmija ereditajiet ;*

*3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-esponenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta` din il-kawza stante li huma ma opponewx id-divizjoni ; anzi riedu li din issir u kien l-attur li talab aktar minn dak lilu spettanti skont il-ligi u b`hekk ostakola l-istess divizjoni u likwidazzjoni bonarja.*

Rat id-dikjarazzjoni bil-gurament tal-konvenuti Anton Borg u Silvana Farrugia u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenuti Gracie mart Anthony Deguara, Emelda mart Alfred Vella, Rita mart Emanuel Fava u Giuseppa mart Francis Ciappara prezentata fis-26 ta` Awwissu 2003 li taqra hekk –

*Illi l-konvenuti ma jsibux oggezzjoni ghad-divizjoni rikjesta, purche` jigu rispettati l-kwoti emanenti mit-testmenti rispettivi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni li tista` tkun kompetenti lil xi wahda mill-konvenuti bhala ko-proprjetarja tal-proprjeta` in divizjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` dawn il-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Novembru 2003 li permezz tieghu kien mahtur il-Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti ta` din il-kawza (inkluzi l-provi) hekk kif kienu migbura mill-perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku li kienet prezentata fis-7 ta` Jannar 2010 u mahlufa fil-11 ta` Mejju 2010.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-perit tekniku fl-udjenza tal-11 ta` Mejju 2010.

Rat in-nota li l-konvenuti Concetta Borg, Anette Mifsud, Andre` Borg, Victoria Borg u Sylvana Farrugia pprezentaw fl-14 ta` Mejju 2010 fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat in-nota li l-konvenuti Giuseppa Ciappara, Gracie Deguara, Emelda Vella u Rita Fava pprezentaw fl-1 ta` Gunju 2010 bid-domandi ghall-eskussjoni tal-perit tekniku.

Rat it-twegibiet bil-miktub ghal dawn id-domandi li l-perit tekniku pprezenta u halef fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2010.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Ottubru 2010 fejn il-perit tekniku inghata direzzjoni mill-Qorti biex ihejji pjan ta` divizjoni.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku fis-17 ta` Jannar 2011 u kkonferma bil-gurament tieghu fid-29 ta` Marzu 2011.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-perit tekniku fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2011.

Rat in-nota li l-konvenuti Concetta Borg, Silvana Farrugia, Anette Mifsud, Victoria Maria Borg u Andre` Borg ipprezentaw fit-23 ta` Dicembru 2011 bid-domandi taghhom ghall-eskussjoni tal-perit tekniku.

Rat it-twegibiet bil-miktub ghal dawn id-domandi li l-perit tekniku pprezenta u halef fis-26 ta` Marzu 2012.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li l-attur ipprezenta fis-17 ta` Settembru 2012.

Rat in-nota ta` sottomissjonjiet li l-konvenuti Giuseppa Ciappara, Gracie Deguara, Emelda Vella u Rita Fava pprezentaw fid-29 ta` Novembru 2012.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li l-konvenuti Silvana Farrugia, Concetta Borg, Anette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg pprezentaw fit-30 ta` Jannar 2013.

Rat in-nota tal-attur tal-31 ta` Jannar 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-25 ta` Marzu 2013 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**i) <u>Xiehda u dokumenti</u>**

**<u>L-attur</u>** xehed illi huma kienu tmint ahwa. Ommu Guzeppa mietet l-ewwel fit-23 ta' April 1983. Missieru Salvatore miet fit-30 ta' Dicembru 1988.

Fl-affidavit tieghu l-attur jirreferi ghat-testmenti ta' l-genituri tieghu. Jirreferi wkoll ghat-testment ta` ohtu Marianna Borg li mietet fit-18 ta' Awissu 1997.

Permezz ta` kuntratt tat-13 ta` Frar 1988 fl-atti tan-Nutar John Debono (Dok. VG7) l-attur u s-sitt hutu ghamlu att dikjaratorju fejn specifikaw dak li kienu rcevew mill-wirt ta' ohthom Marianna Borg.

Permezz ta’ kuntratt tal-25 ta` Marzu 1982 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt (Dok. VG8) Salvatore Borg kien biegh il-vetturi ndikati fil-kuntratt lill-kumpannija Mellieha Garage Company Limited. L-attur deher fuq il-kuntratt ghall-kumpannija. Bis-sahha ta` dak il-kuntratt, Salvatore Borg ikkonceda b`titolu ta’ lokazzjoni lill-istess kumpannija l-garage bl-isem “Mellieha Garage”, bil-kera ta` Lm 3 kuljum, li imbaghad zdied ghal Lm 4.50 kuljum.

Fit-2 ta’ Ottobru 1992, l-attur ittrasferixxa l-ishma kollha tieghu fil-kumpannija lil bintu Mary Shirley Mizzi (Dok. VG9).

L-attur isostni li huwa ma jridx jibqa` jzomm in komun ma` hutu l-ohra l-propjeta` li giet mill-wirt ta` l-genituri u ta` ohtu Marianna Borg. U jghid illi ghalkemm ipprova diversi drabi biex jaghmel divizjoni, tnejn minn hutu ma kienux qablu mal-mod kif kienet qeghda tigi proposta li l-qasma. Huwa kien ippropona li kull eredi jiehu s-somma ta’ Lm 25,000. Il-flus fil-banek kienu gew divizi ; kien baqa` xi haga zghira li kien qieghed jirrinunzja ghaliha. L-assi mobbli kienu gew divizi wkoll.

Dak li kien fadal x`jinqasam huma l-immobbli :-

a) Terran 105A (illum 150B), Triq il-Kappillan Magri, Mellieha : liberu u frank ;

b) Mellieha Garage, 151 gia` 133, Triq George Borg Olivier, Mellieha : mikri lil Mellieha Garage Company Limited bil-kera ta` Lm 4.50 kuljum ;

c) Greystone Bar and Restaurant, 150 Triq George Borg Olivier, Mellieha : mikri lil ohtu Silvana u zewgha bil-kera ta` Lm 3 kuljum ;

d) Terran 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha : mikri lil huh Anton Borg b`kera ta` 50 fis-sena ;

e) Mezzanin 105 (illum 150A) Triq il-Kappillan Magri, Mellieha : mikri lil ohtu Silvana b`kera ta` Lm 100 fis-sena ;

f) Id-dar Josephine House, 132 (illum 149) Triq George Borg Olivier, Mellieha ;

g) Victoria Bar and Restaurant, l-Armier.

Il-konvenuta **Silvana Farrugia** xehdet illi kienet ilha toqghod fil-fond 150, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, ghal aktar minn 27 sena. Il-fond kien gie akkwistat f`isem ohtha Marianna Borg. U minn dakinhar tal-akkwist, kien inkera lilha. L-ambjenti sottostanti kienu inxtraw ukoll f'isem Marianna Borg. In segwitu l-genituri taghhom waqqghu l-post u bnew il-Greystone Bar and Restaurant li nkera lilha wkoll. Flimkien ma` zewgha ghamlet hafna spejjez f`dan il-fond. Tikkonferma li kienu nqasmu l-flus u l-mobbli li kienu parti mill-eredita` tal-genituri u ta' Marianna Borg.

**Concetta Borg**, armla tal-konvenut Anton Borg (li miet fil-mori tal-kawza) xehdet li hi (u qabel flimkien ma` zewgha) kienet ilha tmexxi l-hanut "Victoria Bar & Restaurant" gewwa l-Armier mit-28 ta' Ottobru 1978. Meta huma dahlu fil-fond, kellhom jibdlu l-kcina, twieqi, bibien, siggijiet, l-bank tal-bar, l-armatura ta' wara l-bar u l-madum tal-istore. Xtraw affarijiet godda ghall-uzu fil-hanut bhal forn tal-pizza, forn u cooker, l-kcina kollha, bank tal-fridge, bankijiet ohra tal-kcina, imwejjed tal-kcina, tliet chest freezers, zewg upright fridges, juicer u cash register. Fil-fond kien hemm erbgha kmamar tas-sodda, kamra tal-banju, kcina zghira u store. Dawn kollha bnewhom hi u zewgha spejjez taghhom fl-1981 u 1982. Fuq dawk il-kmamar, hemm ukoll kamra tal-bejt. Meta mietu l-genituri ta` zewgha, fil-fond kien hemm – (1) fil-kcina : forn u cooker, bank tal-injam, sink u l-bank ta' tahtu, fridge u zewg imwejjed kbar ; u (2) fir-restaurant :

bejn 45-50 siggu, ghaxart imwejjed ta’ sitta, ta` ghaxra u ta` erbgha, bank tal-bar u armatura zghira wara l-bar.

**Albert Mamo**, Kummissarju tal-Artijiet xehed illi l-Victoria Bar and Restaurant, l-Armier, matul iz-zmien kien f’idejn Salvatore Borg, permezz ta’ *encroachment permit* (Dok. AM 01). Wara l-permess ghadda f`isem Anton Borg (Dok AM 02). It-titolu l-gdid inghata a bazi tal-klawsolu numru 9 tal-policy tal-Gvern (Dok. AM 03).

Fil-**kontroezami**, ix-xhud wiegeb *encroachment permit* ma jintiritx. Lanqas ma huwa trasferibbli. Xehed illi fil-21 ta’ Marzu 2002, Anton Borg talab li l-*encroachment permit* jinghata lilu. Mistoqsi x’jigri minn *encroachment permit* meta tmut il-persuna li jkollha l-permess, ix-xhud wiegeb illi jew il-permess jinghata lil xi hadd iehor jew jingabar lura mid-Dipartiment tal-Artijiet jew jinghata b’tender. Wahda mir-ragunijiet ghaliex l-*encroachment permit* hareg fuq Anton Borg kienet li hu kellu permess tal-VAT, kif ukoll ghaliex irrizulta li kien ilu jopera r-restaurant. Mistoqsi jekk fil-file kienx hemm fil-file permess tal-ahwa Borg sabiex l-*encroachment permit* idur fuq Anton Borg, ix-xhud wiegeb li l-permess kien jirrizulta fil-file - Red 264 I.

Dwar il-propjetajiet mertu tal-kawza, il-konvenuta **Emelda Vella** xehdet l-appartament ta’ fuq il-Greystone Bar and Restaurant u cioe` il-fond 150A, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha u l-fond 132 (illum 149) Triq Borg Olivier. Mellieha, huma vojta. Il-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, huwa mikri lil ohtha Silvana. Il-Greystone Bar and Restraurant huwa mikri wkoll lil Silvana u lil zewgha Frank. Il-fond 146-148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, huwa mikri lil huha Anton. Tixhed li missierha kien ta’ l-Mellieha Garage lill-attur bil-patt u kundizzjoni li dan ma jghaddihx lil barraninb. Illum il-garage huwa operat mir-ragel tat-tifla tieghu u cioe Raymond Mizzi. Issostni li huha Anton Borg kien talabha il-firma taghha sabiex l-pulizija tohrog fuqu l-permess tal-“Victoria Bar &

Restaurant", l-Armier, u hi ffirmat. Tiftakar ukoll lil Anton ighid li fl-eventwalita` li l-post jinbiegh huwa kien sejjer ihallashom somma flus bhala werrieta. Tixhed illi hi ma kellha l-ebda oggezzjoni li Anton Borg ikompli jopera l-post sakemm kien ihallashom; pero` ma kienx qed ihallashom.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonfermat illi Mellieha Garage kien mikri lill- kumpannija Mellieha Garage Company Ltd. Kien hemmzmien meta kienet prokuratrici ta' ohtha Marianna Borg. Ghalhekk kienet tigbor is-sehem ta` Marianna Borg mill-kera ta` dak il-garage. Ikkonfermat illi fid-Dok VG 240102 sa Dok. VG 240105, li huma rcevuti tal-kera, kienet tidher il-firma taghha. Fil-prezent hija tircievi s-sehem taghha tal-kera ta' l-garage. Ikkonfermat illi kienet tidher il-firma taghha fuq Dok. VG 240106 sa Dok. VG 240109. Qalet ukoll dwar ir-ricevuti illi Raymond Mizzi huwa r-ragel ta' Shirley Mizzi bint l-attur.

Il-konvenuta **Rita Fava** kkonfermat ix-xiehda ta` ohtha Emelda Vella. U zzid tghid dwar il-"Mellieha Garage" li fit-testment kien hemm miktub illi dan ma setax jinbidel minn "garage" tal-karozzi. Fil-fatt illum mill-fond kien qieghed isir negozju iehor bhall-kiri ta' flats u vilel kif ukoll l-organizzazzjoni ta` tours.

Fil-**kontroezam**i, ix-xhud ikkonfermat li Raymond Mizzi huwa r-ragel ta' Shirley bint l-attur. Qalet illi hija tircievi s-sehem taghha mill-kera tal-garage, darbtejn fis-sena u gharrfet il-firma taghha fuq il-Dok VG 240110 sa Dok VG 240113. Gharrfet ukoll il-firma ta' missierha fuq l-ircevuti Dok VG 240118 sa Dok VG 240126.

Il-konvenuta **Josephine Ciappara** kkonfermat ix-xiehda ta` ohtha Emelda Vella.

L-istess ghamlet il-konvenuta **Grace Deguara**.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud gharrfet il-firma taghha fuq l-ircevuti Dok VG 240114 sa Dok VG 240117. Tghid li hi flimkien ma` hutha Emelda Vella u Rita Fava bdiet tircievi l-kera wara l-mewt ta` ohthom Marianna Borg.

Il-konvenut **Anton Borg** xehed illi kien ilu mizzewweg 33 sena u minn dejjem joqghod fil-fond 146-148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha. Kien ihallas Lm 50 kera fis-sena lill-genituri tieghu, u wara lil hutu. Il-post kien mibni fuq gjardina li taghmel parti minn korp ta' immobbli li jaghti minn Main Street ghal Triq il-Kappillan Magri, Mellieha. Meta mietu l-genituri, il-"Victoria Bar & Restaurant", l-Armier, kien diga` f`idejh u kien ghamel hafna spejjez fih. Bena s-sular ta' fuq, rama l-kcina u attrezzaha. Fil-fatt fit-testment tal-1982, il-genituri tieghu kienu ghamlu klawsola fejn ddisponew illi kellu jithallas lura ghal dawn l-ispejjez jekk il-post ma jibqax f 'idejh. Il-post baqa` f`idejh. Ghall-post kien ihallas kera ta' Lm 500 fis-sena lill-genituri. Wara li miet missieru l-pulizija riedu li l-permessi u l-licenzji jinqalbu ghal fuq ismu u ghalhekk kienet saret laqgha f'Ottobru 1991 bejn l-ahwa kollha, u saret kitba mill-Av. Dominix Cassar fejn hutu accettaw li l-permessi u l-licenzji fir-rigward ta' dan il-hanut jinqalbu ghal fuq ismu (Dok ABW1 u Dok ABW2). Wara l-mewt tal-genituri, kien ihallas il-kera lil ohtu Marianna Borg. U wara li mietet Marianna, beda jhallas il-kera lil hutu. Fl-2002 applika mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex l-koncessjoni li kienet fuq missieru iddur fuqu ; fil-fatt l-*encroachment* li kien hemm fuq missieru daret ghal fuq ismu (Dok ABY1 u ABY 2). Ikkonferma li l-flus u l-mobbli li gew mill-wirt tal-genituri u mill-wirt ta' Marianna Borg inqasmu kollha u kulhadd ha dak li kien imissu. Ghalhekk dak li fadal x`jinqasmu kienu l-proprjetajiet. Kien hu li ghamel d-denunzja tas-successjoni ta' missieru. Ghad-denunzja tas-successjoni tal-omm, missieru kien qabbad lin-Nutar John Debono.

## ii) Stima tal-immobbli

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku, wara li ta deskrizzjoni tal-immobbli u esprima ruhu dwar il-qaghda tal-kostruzzjoni tal-immobbli, ghamel dawn l-**<u>istimi</u>** :-

1. Terran bin-numru 105A (illum 150B) Triq il-Kappilan Magri, Mellieha - **<u>€45,000</u>** – liberu u frank ;

2. Mezzanin bin-numru 105 (illum 150A) Triq il-Kappillan Magri, Mellieha - Liberu u frank : **<u>€90,000</u>** ;
Mikri : **<u>€20,000</u>** ;

3. "Mellieha Garage", 151 (gia` 133) Triq Borg Olivier, Mellieha - Liberu u frank : **<u>€ 265,000</u>** ;
Mikri : **<u>€85,000</u>** ;

4. 132 (illum 149) "Josephine House", Triq Borg Olivier, Mellieha -
**<u>€ 185,000</u>** – liberu u frank ;

5. 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha -

Liberu u frank : **<u>€45,000</u>** ;
Mikri : **<u>€10,000</u>** ;

6. Greystone Bar and Restaurant, 150 Triq Borg Olivier, Mellieha -
Liberu u frank : **<u>€170,000</u>** ; Mikri : **<u>€55,000</u>** ;

7. Victoria Bar and Restaurant, Armier -

stima tax-xoghol li sar mill-genituri tal-partijiet - **<u>€40,000</u>** ;
stima tal-affarijiet li kien hemm fil-kcina tal-fond meta miet missier il-partijiet - **<u>€1,400</u>** ;
stima tal-affarijiet li kien hemm fir-restaurant meta miet missier il-partijiet - **<u>€3,000</u>**.

### iii) <u>Il-piz probatorju tar-relazzjoni teknika</u>

Il-konstatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novmebru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti . Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta` l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setaxjigiepurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt , dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."*(ara –"**Grima vs Mamo et noe**" –Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**"Cauchi vs Mercieca"** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **"Saliba vs Farrugia"** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Din il-Qorti tirrileva wkoll bhala fatt illi wara li l-perit tekniku halef ir-rapport tieghu, ma kienux mahtura periti teknici addizzjonali. Fil-fatt, il-partijiet illimitaw ruhhom ghall-eskussjoni tal-perit tekniku. Fis-sentenza fil-kawza "**Bugeja et vs Muscat et"** (Qorti ta` l-Appell – 23 ta` Gunju 1967), intqal li l-"*giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.*"

**iv) L-ewwel eskussjoni tal-perit tekniku**

Wara l-presentata u konferma bil-gurament tar-relazzjoni, il-perit tekniku kien sottopost ghal eskussjoni.

Kien mistoqsi ghaliex ma ghamilx pjan ta' qasma. Huwa wiegeb li ma setax jaghmel pjan ta` divizjoni minhabba l-kontestazzjoni li sab dwar il-Mellieha Garage.

Mistoqsi ghaliex stima daqstant fil-baxx il-valur tad-dar 132, Triq Borg Olivier, Mellieha, il-perit tekniku stqarr illi l-fatt li fil-pjan terren hemm biss bieb ta' kuritur li jaghti ghall-faccata, dan kien inaqqas il-valur tal-proprjeta.

Ikkonferma l-istima tal-valur tal-fond "Greystone Bar and Restaurant"

Mistoqsi jekk meta stima l-valur tal-fondi li kienu soggetti ghal kirja kienx ikkunsidra l-ligijiet tal-kera l-godda jew dawk antiki, il-perit tekniku wiegeb illi huwa ha in konsiderazzjoni l-ahhar emendi ghal-ligi.

Mistoqsi x'diffikultajiet sab biex m'ghamilx pjan ta' qasma, il-perit tekniku ddikjara li huwa ma ghamilx dan il-pjan proprju ghaliex waqt il-gbir tal-provi xi konvenuti kkontestaw il-validita` ta` l-kirja tal-Mellieha Garage. In vista ta` dik il-kontestazzjoni, iddikjara ruhu mhux kompetenti li jiddeciedi jekk il-kirja ta` dak il-garage kenitx valida inkella le.

L-istess linja ha fir-rigward tal-assi tal-Victoria Bar & Restaurant fis-sens li skond hu ma kienx kompetenti li jiddeciedi kif kellhom jigu konsiderati dawk l-assi.

Mistoqsi jekk kellux iqis il-fatt illi l-inkwilini kienu membri tal-familja Borg bil-konsegwenza li tlett membri tal-familja kienu qeghdin igawdu u l-bqija ma kienux, il-perit tekniku wiegeb li dik kienet konsiderazzjoni li kienet tohrog barra mill-parametri tal-inkariku tieghu.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Pjan tal-qasma</u>**

Il-perit tekniku kien dirett mill-Qorti biex ihejji pjan ta` divizjoni. Il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku kienu dawn –

a) Jinbieghu b`licitazzjoni l-fondi :

1) 105A (illum 150B) Triq il-Kapillan Magri, Mellieha ;
2) Mellieha Garage 151 gia` 133, Triq Borg Olivier, Mellieha ;
3) 132 (illum 149) Josephine House, Triq Borg Olivier, Mellieha.

b) Il-konvenuta Silvana Farrugia tiehu l-fondi :

4) "Greystone Bar and Restaurant", 150 Triq Borg Olivier, Mellieha ; u
5) 105 (illum 150A) Triq il-Kappillan Magri, Mellieha.

c) Il-konvenuti Annette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, eredi ta` Anton Borg jiehdu (6) l-fond 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha.

d) Meta jkun realizzat il-bejgh tal-fondi li jinbieghu b`licitazzjoni, ir-rikavat ghandu jinghadd mal-figuri li gejjin -

7) €170,000 tal-"Greystone Bar & Restaurant" ;
8) €90,000 tal-fond 105 (illum 150A), Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ;
9) €45,000 tal-fond 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ; u
10) €44,400 rapprezentanti xoghol u assi tal-genituri tal-partijiet fil-fond "Victoria Bar & Restaurant".

e) Stabbilit it-total, issir il-qasma bejn sebgha biex ikun determinat kemm huwa l-valur ta` kull sehem.

f) Determinat il-valur ta` kull sehem, il-konvenuta Silvana Farrugia tohrog id-differenza bejn dak is-sehem u l-valur ta` €265,000.

g) Bl-istess mod il-konvenuti Annette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, bhala eredi ta` Anton Borg, johorgu d-differenza bejn il-valur tas-sehem u l-valur ta` €89,000.

h) Jekk Silvana Farrugia minn naha wahda, u Annette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, bhala eredi ta` Anton

Borg min-naha l-ohra, ma johorgux id-differenzi dovuti minnhom kif fuq premess, allura l-immobbli assenjati lilhom jinbieghu kollha b`licitazzjoni. Ir-rikavat jinghadd mal-€44,400 rapprezentanti ix-xoghol fil-fond “Victoria Bar & Restaurant” biex jigi stabbilit l-valur tal-eredita`. Meta jigi stabbilit dak il-valur, issir il-qasma bejn sebgha ishma biex jigi stabbilit is-sehem ta’ kull parti. In segwitu kull parti tiehu s-sehem taghha hlief ghall-eredi ta` Anton Borg li jiehdu d-differenza mis-sehem wara li titnaqqas is-somma ta’ €44,400.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Il-posizzjoni tal-partijiet</u>**

Il-partijiet hadu posizzjoni dwar il-pjan ta` divizjoni fl-udjenza tad-29 ta` Marzu 2012 wara li l-perit tekniku rega` wiegeb ghal domandi in eskussjoni dwar il-pjan ta` divizjoni minnu propost. Il-verbal tal-udjenza *inter alia* jghid hekk –

*... Dr. Dominic Cassar jiddikjara illi fit-termini tal-konkluzjoni numru 8 tal-pjan ta' divizjoni pprezentat mill-perit tekniku, il-konvenuti Sylvana Farrugia u Concetta Borg u l-eredi ta' Anton Borg ma humiex f'pozizzjoni u lanqas iridu li johorgu d-differenzi rizultanti mill-ezercizzju elenkat fil-paragrafi 01 sa 07 tal-pjan ta' divizjoni tal-istess Perit. U allura l-konkluzjoni tal-perit illi kull proprjeta' tinbigh bil-licitazzjoni, ghandha ssehh.*

*In vista tal-premess, Dr. Cassar qed jirrinunzja ghat-talba ghal hatra ta' periti addizzjonali.*

*Dr. Kris Borg ghall-konvenuti l-ohra kollha joggezzjona illi jsir il-bejgh bil-licitazzjoni minghajr ma jkun hemm salvagwardja tal-valuri realizzabbli tal-proprjetajiet in vendita, peress illi l-bicca l-kbira tal-proprjetajiet in komunjoni huma mikrija lill-attur jew membri tal-familja tal-attur jew lill-konvenuti l-ohra patrocinati minn Dr. Cassar,*

*u kwindi jekk ser isir bejgh bil-licitazzjoni huwa inverosimili ghall-ahhar li ser jigu realizzati l-valuri reali tal-proprjeta' kif stabbiliti mill-Perit Schembri fir-relazzjoni tieghu.*

*Dr. Camilleri Xuereb jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.*

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Sottomissjonijiet</u>**
**i) <u>L-attur</u>**

Irrileva illi in kwistjoni mhuwiex il-pjan ta` divizjoni kif propost izda l-quantum ta` kull kwota. Wara li mietu l-ġenituri tal-partijiet, l-kwota tal-ulied kienet ta` sehem minn tmienja (⅛) kull wiehed. Wara li mietet Marianna Borg, il-wirt taghha mar fuq is-seba` hutha. Li effettivament ifisser illi f`termini reali kull wiehed u wahda mis-sebat ahwa hadu sehem indaqs mill-wirt tal-genituri taghhom. Dwar il-"Mellieha Garage", l-attur sostna li l-kera ta' dak il-post thallas lill-ahwa kollha f`sehem indaqs. Ikkonferma li huwa kien ceda l-ishma tieghu fis-socjeta Mellieha Garage Company Limited a favur ta' bintu Mary Mizzi u r-ragel taghha Raymond Mizzi. Skond l-attur, huwa kellu dritt li jittrasferixxi l-ishma tieghu lil membri tal-familja tieghu. Fil-fehma tal-attur, kellu jsir il-bejgh b`licitazzjoni tal-immobbli kollha.

**ii) <u>Il-konvenuti Ciappara, Deguara, Vella u Fava</u>**

Qalu li huma qablu mas-sottomissjonijiet tal-attur <u>hlief</u> dwar punt wiehed u cioe` dwar il-fatt li l-proprjetajiet kollha anke dawk li huma mikrija lill-partijiet kellhom jinbieghu b`licitazzjoni, propju ghaliex li kieku kellu jsir hekk, huma kienu se jigu rrimedjabbilment pregudikati. Jekk il-fondi jinbieghu b`licitazzjoni, l-probabilita` kbira tkun illi hadd ma kien sejjer joffri xejn ghal dawk il-fondi,

hlief l-inkwilini, li huma wkoll komproprjetarji, li jakkwistaw dawn il-fondi bi prezz baxx u kwindi l-valur indikat mill-perit tekniku ma jintlahaq qatt. Dan kollu apparti mill-fatt li wara li din il-proprjeta tkun fil-pussess taghhom libera u frank, l-prezz tal-proprjeta se jikber a skapitu taghhom. Ghalhekk il-bejgh b`licitazzjoni tal-proprjetajiet li huma mikrija mhijiex soluzzjoni ekwa.

Dawn il-konvenuti jinsistu li l-licitazzjoni hija rimedju straordinarju u jiccitaw gurisprudenza (**PA/JRM** – "**Grech vs Grech**" – 25 ta` Settembru 2003 ; **PA/NC** – "**Bezzina vs Dalli**" – 30 ta` Gunju 2003 ; u Appell Inferjuri – "**Schembri vs Vassallo**" – 16 ta` Gunju 2003).

Ighidu li jaqblu mal-pjan ta` divizjoni tal-perit tekniku hlief ghall-ahhar rakkomandazzjoni. Fil-fehma taghhom, il-Mellieha Garage ghandu jigi assenjat lill-attur, bl-istima tal-valur tieghu tkun fl-ammont ta` €265,000 billi l-kirja kienet paraventu li warajh inheba l-attur.

Isostnu illi kieku l-Qorti kellha tmur ghall-bejgh b`licitazzjoni tal-proprjetajiet kollha, ghandha tipprovdi li l-prezz tal-bejgh ma ghandux ikun inqas minn dak stmat mill-perit tekniku bhala fondi liberi u franki.

**iii) Il-konvenuti Silvana Farrugia, Concetta Borg, Anette Mifsud, Victoria Borg u Andre Borg**

Dwar il-konsistenza tal-assi, isostnu li l-unika lanjanza li kellhom kienet illi l-"Victoria Bar & Restaurant" kien ghand il-genituri tal-partijiet mill-Gvern ta' Malta b`*encroachment.* Ghalhekk qatt ma kien parti mill-immobbli mertu ta' l-eredita. Ikkontestaw il-mod kif il-perit tekniku wasal biex jistma x-xoghol li sar mill-genituri tal-partijiet fil-pjan terran fl-ammont ta` €40,000, billi rrizulta li x- xoghol li sar fil-pjan terran tal-fond sar mill-konvenuta Concetta Borg u r-ragel taghha. Ikkontestaw ukoll kif il-

perit tekniku kkonkluda li l-attrezzi tar-restaurant stmati li jiswew €1,400 u €3,000 kienu propjeta` tal-ġenituri mhux ta` Anton u Concetta Borg. Dan ghaliex mhux hekk irrizulta mill-provi. Anzi rrizulta li fil-fatt kienu propjeta` tal-istess Anton u Concetta Borg. Skond dawn il-konvenuti, il-Victoria Bar and Restuarant (b`ta` go fih) kellu jithalla barra mill-qasma.

Ikkontestaw li l-unika triq ghall-qasma ta` dan il-wirt kien il-bejgh b`licitazzjoni u ccitaw gurisprudenza ( **<u>PA</u> – "<u>Scicluna vs Calleja</u>"** – 30 ta` Lulju 1964 ; **<u>Appell Civili</u> – "<u>Xuereb vs Dimech</u>"** – 22 ta` Dicembru 1948 ; **<u>Appell Civili</u> – "<u>Baldacchino et vs Baldacchino</u>"** – 5 ta` Marzu 1954 ; **<u>PA</u> –**
**"<u>Bugeja vs Pace et</u>"** – 21 ta` Marzu 1936 ; **<u>PA/TM</u>** – "**<u>Ellul et vs Cassar et</u>**" – 20 ta` Marzu 2003 ; **<u>Appell Civili</u> – "<u>Fleri Soler et vs Hyzler et</u>"** – 23 ta` Novembru 1953 ; **<u>PA/PS</u> – "<u>Abela pro et noe vs Abela et</u>"** – 27 ta` Jannar 2003 **; <u>PA</u> – "<u>Galea vs Attard et</u>"** – 13 ta` Gunju 1958 ; u **<u>Appell Civili</u>** – "**<u>Meilaq vs Zahra Scicluna</u>**" – 28 ta` Gunju 1948).

Skond dawn il-konvenuti, il-valuri li l-perit tekniku jipproponi ghall- ekwiparazzjoni, huma l-valuri ta' proprjetajiet liberi u franki u mhux mikrija, meta huwa palesi li l-proprjetajiet li l-perit jipproponi li ghandhom jzommu f'idejhom uhud mill-partijiet huma kollha mikrija, titoli ta` kera li ma gewx kkontestati. Ghalhekk skond dawn il-konvenuti dak li kellu jsir mill-perit huwa li jiehu l-valuri tal-positijiet bhala mikrija u b'hekk l-ekwiparazzjoni da parti ta' Silvana Farrugia kienet tkun ta' €75,000 u l-eredi ta' Anton Borg ihallsu €10,000. Fi kwalunkwe kaz, huma diga` ddikjaraw li ma kienux lesti li jhallsu l-ekwiparazzjoni proposta mill-perit tekniku. Ghalhekk jekk issir licitazzjoni, l-immobbli jibqghu soggetti ghall-kirjiet.

**Ikkunsidrat :**

## VI. Risultanzi

### i) Il-kirjiet ta` “Greystone Bar and Restaurant” 150 Triq Borg Olivier, Mellieha, ta` 148 Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, u ta` 150A, Triq il-Kappillan Magri. Mellieha

Il-konvenuti Silvana Farrugia, Concetta Borg (armla ta` Anton) u l-eredi tal-istess Anton Borg taw l-eccezzjoni illi *subordinatament u minghajr pregudizzju fid-divizjoni u likwidazzjoni ghandhom jigu rispettati l-kirjiet li l-eccipjenti ghandhom ta` xi proprjetajiet formanti parti mill-attiv tal-imsemmija ereditajiet.*

Din hija kwistjoni krucjali li trid tinghata konsiderazzjoni mill-Qorti.

Jirrizulta li l-partijiet qablu li d-divizjoni li ghad trid issir mill-wirt ta` Giuseppa Borg, ta` Salvatore Borg u ta` Marianna Borg huma l-immobbli.

Jirrizulta bhala fatt li hadd mill-partijiet effettivament ma kkontesta : a) li “Greystone Bar and Restaurant” 150 Triq Borg Olivier, Mellieha, huwa mikri lil Silvana Farrugia ; b) li 148 Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, huwa mikri lil Anton Borg ; u c) li 150A, Triq il-Kappillan Magri. Mellieha, huwa mikri lil Silvana Farrugia.

Fis-sentenza taghha tas-16 ta` Gunju 2003 din il-Qorti (**PA/PS**) fil-kawza “**Pace vs Cachia”** osservat illi *“kirja ta’ fond li jifforma parti mill-beni in divizjoni ghandha tigi rispettata.”*

Dan ghalkemm inghad ukoll illi “*bhala principju, il-fatt li fond in divizjoni ikun okkupat minn wiehed mill-ko-*

*proprjetarju, m'ghandux jaghtih dritt li jinsisti li dak il-fond jigi assenjat lilu.”* (ara – **PA/TM** - “**Grech vs Grech**” - 2 ta’ Gunju 2005).

Hija l-fehma tal-Qorti li dawn il-kirjiet ghandha jigu rispettati u ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta ssir d-divizjoni.

**ii) Il-Victoria Bar and Restaurant, Armier**

Skond ix-xiehda ta` Anton Borg, huwa kien ihallas lill-genituri tieghu kera ta` Lm 500 fis-sena. Wara li mietu, beda jhallas lil Marianna Borg. U wara li din mietet, beda jhallas il-kera lil hutu.

Jirrizulta li l-fond kien ghand Salvatore Borg b`*enroachment* minghand id-Dipartiment tal-Artijiet. Wara li miet Salvatore Borg, il-fond ghadda b`*enroachment* ghand Anton Borg. Skond Dok AM01 esebit a fol 282 tal-process, Salvatore Borg kien inghata l-permess sabiex *jokkupa* l-fond. Il-klawsola taqra hekk – *“This concession is made on encroachment terms, that is, it shall hold good during the pleasure of the government and the grantee shall pay into the office of the Commissioner of Land …”* Meta l-permess ghadda ghand Anton Borg (Dok AM02 a fol 285) saru l-istess kondizzjonijiet.

Fit-testment taghhom *unica charta* tas-7 ta` Dicembru 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt, Salvatore u Giuseppa Borg iddikjaraw illi *binhom Anton Borg ghandu b` titolu ta’ kera ir-Restaurant bl-isem “Victoria” li qieghed fl-Armier limiti tal-Mellieha u li huwa proprjeta tat-testaturi cioe jinsab in enfitewsi temporanja ghand it-testatur minghand il-Gvern.”*

Jirrizulta li fid-denunzja tas-successjoni ta` Giuseppa Borg (Dok VG10 a fol 143) din il-proprjeta` kienet indikata bhala *"Encroachment fuq Victoria Bar & Restaurant, l-Armier , din mhix trasferibbli u mikrija lill haddiehor"*. Fid-denunzja tas-successjoni ta` Salvatore Borg (ara fol 153) hemm dikjarazzjoni simili. Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta` Marianna Borg tat-13 ta` Frar 1998 (Dok VG7 a fol 118) din il-propjeta` mhijiex indikata bhala wahda mill-immobbli li kienet taghmel parti mill-wirt taghha.

Huwa kompitu tal-Qorti li tara jekk effettivament dan il-fond jiffurmax parti mill-attiv tal-eredita`.

Jirrizulta li wara l-2002 Anton Borg kien qieghed jokkupa l-fond de quo b`*encroachment* mid-Dipartiment tal-Artijiet. Fiz-zmien precedenti l-*encroachment* kienet issejjah lil Salvatore Borg.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-Victoria Bar and Restaurant m`ghandux jitqies parti mill-attiv li jrid jigi diviz ghaliex il-Gvern ta` Malta huwa s-sid tal-fond. Kemm Anton Borg, u qablu missieru Salvatore Borg, kellhom biss *encroachment concession* li hija veljanti biss *during the pleasure of the government.*

**iii) Mellieha Garage, 151 gia` 133, Triq Borg Olivier, Mellieha**

Fl-istadju tal-ahhar tal-kawza, il-konvenuti Ciappara, Deguara, Vella u Fava kkontestaw il-kirja tal-Mellieha Garage lill-kumpannija Mellieha Garage Company Limited ghaliex, skond huma, dik il-kirja kienet paraventu biex warajh jinheba l-attur. Irrizulta bhala fatt illi matul is-snin huma thallsu s-sehem taghhom minn dik il-kirja. Fl-istess waqt ma ressqu l-ebda eccezzjoni f`dan is-sens.

Fis-sentenza taghha tal-1 ta` Gunju 2007 fil-kawza "**<u>Galea et vs Borg et</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"Il-htiega li ssir nota ta' eccezzjonjiet formalment hija ntiza mill-legislatur proprju bl-iskop li kull parti tkun taf ezatt x'inhuma l-parametri ta' l-azzjoni u tad-difiza avvanzata mill-parti konvenuta. Semplici nota ta' osservazzjonijiet m'ghandhiex isservi biex tirrimpjazza nota ta' eccezzjonijiet. Ghalhekk ifisser li l-aggravju ta' l-atturi appellanti taht dana l-aspett huwa fondat u qed jigi milqugh.*

*Nigu issa ghat-tieni kwezit. Setghet l-ewwel Qorti tqajjem din l-eccezzjoni marte proprio ? Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta hija definittivament fin-negattiv u dan huwa hekk ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni hija dik li, kif intqal supra, tali eccezzjoni ma kenitx kompriza fl-eccezzjoni preliminari li fuqha strahet il-Qorti u f'ebda eccezzjoni ohra li giet sollevata; u fit-tieni lok, ghax tali operat m'huwiex permess mil-ligi. Dwar it-tieni raguni fuq imsemmija hemm diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati li rritenew dak li qeghda tirribadixxi din il-Qorti. Per ezempju, gie ritenut, u din il-Qorti taqbel mieghu, li :*

*"1. Huwa principju maghruf illi l-imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illli waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju millpartijiet, minn naha l-ohra ma jsitax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammeno che` non sitratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – Joseph Gatt –vs– Joseph Galea, Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965; Regina mart Francis Cacciottolo –vs– Francis Cacciotolo, Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976 ;*

*"2. Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonjiet ta' ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe*

*kwestjoni legali tkun tista' tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhix rakkomandabbli li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess – Anthony Hammett noe –vs– Vincent Genovese pro et noe, Appell Kummercjali, 31 ta' Jannar 1991."*

*Isegwi konsegwentement mis-suespost li s-sentenza moghtija kienet wahda proceduralment skorretta u ghandha tigi annullata u revokata. B'daqstant ma jfissirx li c-citazzjoni, kif dedotta, hija wahda accettabbli minn punto di vista procedurali. Tali punt ghad irid jigi deciz mill-ewwel Qorti fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari kif kellha suppost tigi mifhuma u interpretata. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun gust jew korrett li darba li hija qeghdha tannulla dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, ghandha tghaddi biex tidderimi hi l-kwistjoni sollevata mill-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni preliminari. Tali kompitu fl-ewwel lok kien, u ghadu, jispetta lill-Qorti ta' l-ewwel grad u dan il-kompitu ghadu ma giex adempit u kwindi huwa l-kaz li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti proprju biex tiddeciedi dak li kellha tiddeciedi a bazi ta' dak mitlub mill-atturi u eccepit mill-konvenuti. Din il-Qorti pero` thossha wkoll fid-dmir li zzid li parti mid-dizgwid li sfortunatament inkorriet fih l-ewwel Qorti kien istigat minn dak li gie sottomess lilha ghall-konsiderazzjoni taghha min-naha tal-konvenuti appellati. Minhabba f'hekk, din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez biex jirrifletti dan il-fatt."*

(ara wkoll : PA – 2 ta` Frar 1990 - "**Gatt vs Debono et**" ; u Qorti tal-Kummerc – 9 ta` April 1992 - "**Grech vs Saglimene et"**).

Il-Qorti mhijiex sejra taddentra ruhha fil-kwistjoni tal-validita` tal-kirja, ghalkemm trid tghid illi l-assjem tal-provi juri li mhux biss kien hemm kirja izda thallset il-kera, ghadha tithallas sal-lum, u l-partijiet accettaw il-kera. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis il-Mellieha Garage bhala parti mill-immobbli in divizjoni fi stat ta` lokazzjoni.

**iv) <u>Dritt</u>**

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Deguara vs Calleja et</u>**", din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) irriaffermat illi f`materja ta` divizjoni ta` beni komuni hemm regoli bazici li ghandhom jigu osservati :

*I. Il-kondividendi ghandhom dritt jiehdu sehemhom mill-hwejjeg komuni in natura ;*

*II. Mill-qasma jehtieg li titnissel ripartizzjoni ugwali ;*

*III. Wiehed ghandu jirrikorri ghal-licitazzjoni bhala rimedju straordinarju u eccezzjonali meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara jew pregudizzju ghall-kondividendi ;*

*IV. Fid-divizjoni ta' assi ereditarji jridu jingiebu fil-qasma dak kollu li jidhol f'dawk l-assi. Dan skond il-principju illi "judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere".*

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**<u>Grech et vs Grech et</u>**", din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk dwar il-licitazzjoni –

*"It-talba sabiex gid immobbli mizmum minn ghadd ta' sidien jinbiegh b'licitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-principji ewlenin li jsawru l-istitut tal-ligi li titkellem dwar gid komuni. Fost dawn il-principji hemm dak li kull wiehed mis-sidien ta' haga komuni ghandu l-jedd li jiehu s-sehem tieghu tal-gid in natura, u l-principju l-iehor li hadd ma jista' jigi mgieghel jibqa' jzomm haga flimkien ma' haddiehor. Ghalhekk, meta ssir il-qasma, r-regola hija li kull wiehed mis-sidien jiehu (skond is-sehem tieghu) bizzejjed mill-gid komuni fil-kwalita' li dak il-gid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan igib mieghu l-effett li l-licitazzjoni hija l-eccezzjoni ghar-regola, u tikkwalifika bhala rimedju straordinarju fil-konfront tar-rimedju ordinarju tal-qasma in natura. Kemm*

*hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f'liema cirkostanzi ghandha ssir ;*

*Huwa possibbli li ssir il-qasma in natura wkoll fejn l-ishma ma jkunux daqsinsew. Madankollu, jekk biex jitharsu l-principji fuq imsemmija l-qasma tal-hwejjeg komuni tkun qeghda ssir biss fid-dieher u tkun mghobbija b'soluzzjonijiet imgebbda, bhal, per ezempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-kaz ikun ghaqli li ssir il-licitazzjoni u tkun qeghda tithares il-ligi fil-kelma u l-ispirtu taghha jekk l-eccezzjoni teghleb lill-principju. Daqstant iehor irid jinghad li l-ligi ma tridx li, biex issir il-qasma, min ikun jifred il-fondi fi bcejjec jew johloq fuqhom servitujiet. F'kaz bhal dan, jidher xieraq li ssir il-licitazzjoni ;*

*Huwa mghallem ukoll f'dan il-qasam li ma tistax issir il-licitazzjoni ta' gid immobbiljari wiehed jekk is-sidien ikunu jzommu bejniethom gid komuni iehor. M'huwiex imholli lis-sidien komuni li jwettqu process spezzettat tal-qasma ta' gidhom komuni, bhalma lanqas huwa moghti (ghaliex intempestiva) li ssir talba ghal-licitazzjoni ta' post li jaghmel bicca minn wirt li ghadu ma giex likwidat ;*

*Ghandu jibqa' dejjem meqjus li l-licitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-gid komuni ma jkunx jista' jinqasam minghajr xkiel jew fejn ikun hemm xi gid li l-ebda wahda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tiehu ghandha. Fuq kollox, il-fondi li jistghu jinbieghu b'licitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistghux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra taghhom, u mhux ghaliex imqeghda f'dak l-istat minhabba xi twahhid artificjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi ;*

*Inghad li l-kliem "bla xkiel" fil-ligi jfissru bhala "minghajr ma ssir hsara lill-interessi ta' dawk li qeghdin jaqsmu", filwaqt li "bla hsara" jfissru "minghajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-gid bil-qasma tieghu". L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward hija wahda ta' fatt. Il-kwestjoni ghalhekk dwar jekk ghandhiex tigi ordnata l-licitazzjoni bhala mezz estrem biex wiehed johrog mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-divizjoni, tirriduci ruhha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli fil-*

*limiti hawn fuq imfissra ;*

*Huwa accettat ukoll li t-talba ghall-qasma timplika fiha wkoll talba ghal-licitazzjoni meta johrog li l-gid komuni ma jistax jinqasam minghajr xkiel u hsara. B'mod partikolari, l-Qorti ghandha s-setgha li tordna l-licitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja tkun intalbet il-licitazzjoni, u dan ghaliex il-licitazzjoni m'hijiex ghajr modus divisionis."*

**v) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Wara li kkunsidrat l-assjem tal-provi, inkluzi r-rakkomandazzjonijiet tal-perit tekniku, u wara li hadet kont tal-fehmiet espressi mill-partijiet, il-Qorti qeghda tesprimi ruhha hekk –

1) Il-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ;
2) Il-fond "Mellieha Garage", 151 Triq Borg Olivier, Mellieha ;
3) Il-fond "Josephine House", 149 Triq Borg Olivier, Mellieha ;

ghandhom jinbieghu b`licitazzjoni u tistabilixxi il-valur taghhom :

1) fl-ammont ta` €45,000 fil-kaz tal-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ;

2) fl-ammont ta` €85,000 fil-kaz tal-fond "Mellieha Garage", 151 Triq Borg Olivier, Mellieha ; u

3) fl-ammont ta` €185,000 fil-kaz tal-fond "Josephine House", 149 Triq Borg Olivier, Mellieha.

4) Il-fond "Greystone Bar and Restaurant", 150 Triq Borg Olivier, Mellieha ; u

5) Il-fond 150A, Triq il-Kappillan Magri ;

ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta Silvana Farrugia, stante li jinsabu ghandha b`titolu ta` kera, u tistabilixxi l-valur taghhom :

4) fl-ammont ta` €55,000 fil-kaz tal-fond "Greystone Bar and Restaurant", 150 Triq Borg Olivier, Mellieha ; u

5) fl-ammont ta` €20,000 fil-kaz tal-fond 150A, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ;

6) Il-fond 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ghandu jigi assenjat lil Annette mart Raymond Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, bhala eredi ta` Anton Borg u tistabilixxi l-valur tieghu fl-ammont ta` €10,000, stante li l-fond kien ghand Anton Borg u martu Concetta b`titolu ta` kera.

Meta jsir il-bejgh b`licitazzjoni tal-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ; tal-fond "Mellieha Garage", 151 Triq Borg Olivier, Mellieha ; u tal-fond "Josephine House", 149 Triq Borg Olivier, Mellieha, it-total tar-rikavat tal-bejgh ghandu jigi maghdud mal-valuri li l-Qorti stabbiliet hawn fuq fil-kaz tal- fond "Greystone Bar and Restaurant", 150 Triq Borg Olivier, Mellieha ; tal-fond 150A, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ; u tal-fond 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha.

It-total ta` kollox jinqasam b`sebgha u kull eredi ta` Salvatore Borg, Giuseppa Borg u Marianna Borg jiehdu sehem ta` wiehed minn sebgha. Is-sehem ta` wiehed minn sebgha li kien spettanti lil Anton Borg li miet fil-mori tal-kawza jmur ghand l-eredi tieghu Annette mart Raymond Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg.

Stabbilit il-valur tas-sehem ta` wiehed minn sebgha :

Il-konvenuta Silvana Farrugia tiehu l-immobbli fuq riferiti u tohrog id-differenza fi flus bejn il-valur tas-sehem u s-somma ta` €75,000 ;

Il-konvenuti Annette mart Raymond Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg jiehdu l-immobbli fuq riferit u johorgu d-differenza fi flus bejn il-valur tas-sehem ta` wiehed minn sebgha u s-somma ta` €10,000.

Jekk Silvana Farrugia minn naha wahda, u Annette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, bhala eredi ta` Anton Borg min-naha l-ohra, ma johorgux id-differenzi li jkunu dovuti minnhom kif fuq premess, allura l-immobbli assenjati lilhom jinbieghu kollha b`licitazzjoni. Ir-rikavat tal-bejgh ta` l-immobbli koncernati jinghadd mar-rikavat tal-bejgh b`licitazzjoni tal-immobbli l-ohra u r-rikavat totali tal-bejgh tal-immobbli kollha jinqasam b`sebgha bejn l-eredi ta` Salvatore Borg, Giuseppa Borg u Marianna Borg.

Tghid illi ghandhom jibqghu barra mill-qasma, ghaliex ma jaghmlux parti minnha, l-fond “Victoria Bar and Restaurant” l-Armier, u kull kontegg jew stima li ghamel il-perit tekniku dwar dak il-fond u ta` go fih illum u fil-passat.

Tghid ukoll li ghandha tigi rispettata kull kirja esistenti fir-rigward tal-fondi li jaghmlu parti mill-wirt in divizjonil-kirja kollha tal-fond.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi taqta` u tiddeciedi kif gej –**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara li l-assi ereditarji ta` Salvatore u Giuseppa konjugi Borg huma dawn –**

**1) Il-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ;**

**2) Il-fond 150A, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ;**

**3) Il-fond bl-isem "Mellieha Garage" 151, Triq Borg Olivier, Mellieha ;**

**4) Il-fond bl-isem "Josephine House", 149 Triq Borg Olivier, Mellieha ;**

**5) Il-fond 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha ;**

**6) Il-fond "Greystone Bar and Restaurant", 150 Triq Borg Olivier, Mellieha.**

**Riferibbilment ghall-hames talba, tiddikjara li l-assi ereditarji ta` Marianna sive` Mary Anne Borg jammontaw ghal wiehed minn tmienja sehem indiviz tal-fondi li kienu ndikati fl-ewwel talba.**

**Riferibbilment ghat-tieni u ghas-sitt talbiet, tillikwida l-valur intier tal-immobbli ndikati fl-ewwel talba kif gej :-**

**1) Hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000) ghall-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, ghax huwa liberu u frank ;**

**2) Ghoxrin elf Ewro (€20,000) ghall-fond 150A, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, ghax huwa mikri ;**

**3) Hamsa u tmenin elf Ewro (€85,000) ghall-fond bl-isem "Mellieha Garage" 151, Triq Borg Olivier, Mellieha, ghax huwa mikri ;**

**4) Mija hamsa u tmenin elf Ewro (€185,000) ghall-fond bl-isem "Josephine House", 149 Triq Borg Olivier, Mellieha, ghax huwa liberu u frank ;**

**5) Ghaxart elef Ewro (€10,000) ghall-fond 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, ghax huwa mikri ;**

**6) Hamsa u hamsin elf Ewro (€55,000) ghall-fond "Greystone Bar and Restaurant", 150 Triq Borg Olivier, Mellieha, ghax huwa mikri.**

**Riferibbilment ghat-talbiet l-ohra, tipprovdi hekk :-**

**1) Tordna l-bejgh b`licitazzjoni tal-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, tal-fond "Mellieha Garage", 151 Triq Borg Olivier, Mellieha, u tal-fond "Josephine House" 149, Triq Borg Olivier, Mellieha, skond il-valuri fuq likwidati, bil-fakolta` li jippartecipaw oblaturi estranei.**

**2) Tassenja lill-konvenuta Silvana Farrugia, skond il-valuri fuq likwidat, il-fond 150A, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, u l-fond "Greystone Bar and Restaurant", 150 Triq Borg Olivier, Mellieha, bhala parti minn sehemha mill-wirt ta` Salvatore u Giuseppa konjugi Borg u ta` Marianna sive` Mary Anne Borg. Tordna l-hlas ta` ekwiparazzjoni fil-kaz li tkun tirrizulta differenza bejn il-valur taz-zewg immobbli u l-valur tas-sehem spettanti lill-konvenuta Silvana Farrugia mill-imsemmija wirt.**

**3) Tassenja lill-konvenuti Annette mart Raymond Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, skond il-valur fuq likwidat, bhala eredi ta` Anton Borg, il-fond 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, bhala parti mis-sehem tal-mejjet Anton Borg mill-wirt ta` Salvatore u Giuseppa konjugi Borg u ta` Marianna sive` Mary Anne Borg. Tordna l-hlas ta`**

**ekwiparazzjoni fil-kaz li tkun tirrizulta differenza bejn il-valur ta` dak l-immobbli u l-valur tas-sehem spettanti lil dawn il-konvenuti mill-imsemmija wirt.**

**4) Fil-kaz illi l-konvenuta Silvana Farrugia ma thallasx l-ekwiparazzjoni li tkun dovuta minnha fi zmien xaghrejn mid-data li fiha jsir il-bejgh tal-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, tal-fond "Mellieha Garage", 151 Triq Borg Olivier, Mellieha, u tal-fond "Josephine House" 149, Triq Borg Olivier, Mellieha, allura tordna li l-immobbli assenjati lilha jinbieghu b`licitazzjoni, skond il-valuri fuq likwidati, bil-fakolta` li jippartecipaw oblaturi estranei.**

**5) Fil-kaz illi l-konvenuti Annette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, bhala eredi ta` Anton Borg, ma jhallsux l-ekwiparazzjoni li tkun dovuta minnhom fi zmien xaghrejn mid-data li fiha li jsir il-bejgh tal-fond 150B, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, tal-fond "Mellieha Garage", 151 Triq Borg Olivier, Mellieha, u tal-fond "Josephine House" 149, Triq Borg Olivier, Mellieha, allura tordna li l-immobbli assenjat lilhom jinbiegh b`licitazzjoni, skond il-valur fuq likwidat, bil-fakolta` li jippartecipaw oblaturi estranei.**

**6) Fil-kaz illi l-konvenuta Silvana Farrugia thallas l-ekwiparazzjoni fit-terminu lilha prefiss, tordna li l-pagament li taghmel jinghadd mar-rikavat tal-bejgh tal-fondi li taghhom il-Qorti ordnat il-bejgh b`licitazzjoni.**

**7) Fil-kaz illi l-konvenuti Annette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, bhala eredi ta` Anton Borg, ihallsu l-ekwiparazzjoni fit-terminu lilhom prefiss, tordna li l-pagament li jaghmlu jinghadd mar-rikavat tal-bejgh tal-fondi li taghhom il-Qorti ordnat il-bejgh b`licitazzjoni.**

**8) Tordna illi l-valur tal-assi ereditarji ta` Salvatore u Giuseppa konjugi Borg u ta` Marianna sive` Mary Anne Borg jigi determinat skond il-kaz jew mir-rikavat tal-bejgh b`licitazzjoni tal-immobbli kollha**

**li jaghmlu l-wirt taghhom, inkella mill-ghadd ta` r-rikavat tal-bejgh ta` immobbli b`licitazzjoni mal-valuri diga` likwidati ta` dawk l-immobbli li l-Qorti assenjat lil Silvana Farrugia, minn naha wahda, u lill-konvenuti Annette Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, bhala eredi ta` Anton Borg, min-naha l-ohra.**

**9) Tordna l-qasma bejn il-partijiet tar-rikavat tal-assi ereditarji ta` Salvatore u Giuseppa konjugi Borg u ta` Marianna sive` Mary Anne Borg flimkien fil-porzjon ta` wiehed minn sebgha b`dan illi dawk il-partijiet li jigu wlied Salvatore u Giuseppa konjugi Borg u hut Marianna sive` Mary Anne Borg jiehdu sehem ta` wiehed minn sebgha kull wiehed filwaqt li l-konvenuti Annette mart Raymond Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg, ulied il-konvenut Anton Borg li miet fil-mori tal-kawza, jiehdu flimkien sehem ta` wiehed minn sebgha.**

**10) Tinnomina lin-Nutar Pubbliku ta` Malta Dottor Daniela Mercieca sabiex tippubblika l-atti relattivi nhar il-Gimgha 31 ta` Jannar 2014 f`nofsinhar fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**11) Tahtar lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici sabiex tidher bhala kuratur fuq l-atti relattivi, f'isem u ghan-nom ta' kull parti li tonqos milli tidher ghall-pubblikazzjoni tal-atti relattivi.**

**Tordna li l-attur u l-konvenuti Giuseppa mart Francis Ciappara, Gracie mart Anthony Deguara, Emelda mart Alfred Vella, Rita mart Emanuel Fava u Silvana mart Francis Farrugia jhallsu wiehed minn sebgha kull wiehed mill-ispejjez ta` l-kawza, filwaqt illi l-konvenuti Concetta armla ta` Anton Borg, Annette mart Raymond Mifsud, Victoria Borg u Andre` Borg ihallsu flimkien r-rimanenti wiehed minn sebgha ta` l-ispejjez tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------